## Arja iktar nadifa b'inqas emissjonijiet

*Artiklu miktub minn Mark Abdilla – Uffiċjal Esekuttiv, MEUSAC*
*Ippubblikat fil-ġurnal L-Orizzont – 24.07.17*

L-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jħarsu l-ambjent u jassiguraw li l-attivitajiet ekonomiċi, li jiffurmaw parti mill-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini, ikunu wkoll sostenibbli u favur l-ambjent. Dan l-obbligu ma japplikax biss għall-UE, imma għall-pajjiżi kollha tad-dinja, għaliex fl-aħħar mill-aħħar, in-nuqqas ta' ħarsien tal-ambjent jaffettwa lill-bnedmin u l-ambjent ta' madwarhom fuq skala globali.

Wieħed mill-fatturi li l-aktar iniġġes l-ambjent u jġib ħsara kbira fuq is-saħħa tal-bnedmin huwa l-emissjonijiet mill-industrija, mill-vetturi u mezzi oħra ta' trasport li jarmu ammonti kbar ta' dħaħen b'materjal li jniġġes. Biżżejjed ngħidu li meta vettura normali tinstaq fuq vjaġġ ta' 10 kilometri, bejn pereżempju l-Belt u l-Mosta, tarmi madwar kilogramm u nofs ta' materjal, u meta ajruplan jivvjaġġa bejn Malta u Sqallija, distanza ta' 187 kilometru, jarmi madwar 730 kilogramm ta' materjal. L-istudji juru li l-livelli għoljin ta' karbonju fl-arja jżidu r-riskju ta' mard respiratorju u tal-qalb u jgħollu t-temperatura tad-dinja, għaliex il-karbonju ma jħallix ir-raġġi tax-xemx joħorġu lura mill-atmosfera. Dan jissejjaħ l-effett serra, u hu l-ikbar kontributur għat-tibdil fil-klima.

Biex jindirizza din il-problema f'Malta u fl-istess ħin jikkontribwixxi għall-isforzi tal-UE kontra l-emissjonijiet, il-Gvern nieda proċess ta' konsultazzjoni, li għalaq fil-21 ta' Lulju, fuq strateġija li twassal għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. It-tnaqqis fil-karbonju huwa prijorità globali u fattur essenzjali fil-ġlieda kontra l-effetti ħżiena tat-tibdil fil-klima. Il-ġlieda globali kontra t-tibdil fil-klima ssaħħet fl-2015 meta ntlaħaq il-Ftehim ta' Pariġi. B'dan il-ftehim, 195 pajjiż impenjaw lilhom infushom li jwettqu ċerti obbligi u jagħmlu dak kollu li hemm bżonn biex l-impatti negattivi fuq l-ambjent jiġu mtaffa llum qabel għada.

L-istrateġija tal-Gvern, li tnediet għall-konsultazzjoni mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Iżvilupp

Sostenibbli, u t-Tibdil fil-Klima, se sservi bħala l-ewwel pass fit-tfassil ta' strateġija dwar ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet. L-istrateġija tiffoka b'mod partikolari fuq il-bżonn li s-settur pubbliku u dak privat jagħmlu l-almu tagħhom biex jipproteġu l-ambjent. Id-dokument tal-istrateġija jisħaq fuq diversi setturi tal-ekonomija Maltija li jeħtieġu attenzjoni, fosthom l-enerġija, it-trasport, u l-agrikoltura. L-għan ewlieni hu li din l-istrateġija twassal għar-riformi neċessarji sabiex sas-sena 2030 l-emissjonijiet jonqsu b'40% tal-livelli tagħhom fl-1990.

Fis-settur tal-enerġija, l-istrateġija tenfasizza l-użu ta' apparat u prodotti li jintużaw fil-ħajja ta' kuljum u jużaw l-enerġija b'mod effiċjenti, bħal magni tal-ħasil u settijiet tat-televiżjoni. Fl-istess ħin, l-istrateġija tisħaq ukoll fuq il-bżonn li l-art fil-pajjiż tintuża b'mod li jintlaħaq il-massimu tal-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli.

M'hemx dubju li t-traffiku hu wieħed mill-ikbar kontributuri għall-emissjonijiet fil-pajjiż. L-istrateġija se tkun qiegħda tiffoka wkoll fuq it-tnaqqis tal-konġestjoni tat-traffiku li ma jwassalx biss għal ambjent iktar nadif, imma jissarraf ukoll f'iktar kompetittività, għaliex ħafna ħaddiema u negozji jitilfu inqas ħin minħabba t-traffiku.

Is-settur tal-agrikoltura wkoll jeħtieġ riformi sabiex attivitajiet relatati mal-biedja jkunu iktar sostenibbli u jkollhom inqas effetti ħżiena fuq l-ambjent. Dawn jinkludu miżuri sabiex il-kompost, li llum hu meqjus li jkun fih sustanzi li jniġġsu, jintuża b'mod iktar effiċjenti. Miżuri oħrajn jinkludu inċentivi favur il-biedja organika sabiex jitnaqqas l-użu tal-pestiċidi u l-fertilizzanti, li jikkontribwixu għall-emissjonijiet tal-karbonju.

Bħala parti mill-proċess ta' konsultazzjoni dwar l-istrateġija tal-Gvern dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet, il-MEUSAC u l-Ministeru konċernat organizzaw sessjoni ta' konsultazzjoni li għaliha attendew diversi entitajiet pubbliċi u privati. Waqt li din l-istrateġija ntlaqgħat b'mod pożittiv, ħafna jixtiequ jaraw xi ħaġa iktar ambizzjuża. Fost id-diversi suġġerimenti, kien hemm min ippropona li l-istrateġija tgħin sabiex iktar ċittadini jużaw ir-roti minflok il-vetturi sabiex tittaffa l-konġestjoni fit-toroq. Suġġerimenti oħra saħqu fuq l-importanza tat-teknoloġija sabiex tipprovdi informazzjoni aħjar, b'metodi iktar effiċjenti, sabiex jintlaħqu l-miri tal-istrateġija.

Fil-ġimgħat li ġejjin il-Minsteru responsabbli se jkun qiegħed jirrevedi l-kummenti li daħlulu fil-konsultazzjoni, sabiex dawn jiġu kkunsidrati fit-tfassil tal-istrateġija proprja. Fl-aħħar mill-aħħar, id-dokument finali tal-istrateġija se jispeċifika l-miżuri li jkollhom bżonn jittieħdu sabiex Malta tilħaq l-obbligi internazzjonali tagħha favur l-ambjent u l-klima.